

32003R1466

L 210/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

20.8.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1466/2003****tad-19 ta' Awissu 2003****li jistabbilixxi l-istandard tal-marketing għal qaçoċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 963/98**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħaxix<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003<sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 3(3)(c) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-qaçoċ huma fost il-prodotti mniżżlin fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2200/96 għal liema standards għandhom jiġu adottati. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 963/98 tas-7 ta' Mejju 1998 li jistabbilixxi l-istandards tal-marketing applikabbli lill-pastard u l-qaçoċ<sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 46/2003<sup>(4)</sup>, għandu jiġi emendat fir-rigward għad-definizzjoni tat-tipi ta' qaçoċ "Poivrade" u "Bouquet".
- (2) Fl-interess taċ-ċarezza, l-istandards applikabbli lill-qaçoċ għandhom jiġu stabbiliti f'Regolament separat u r-Regolament (KE) Nru 963/98 għandu jiġi emendat skond dan. Għal dak l-iskop, u fl-interess tal-preservazzjoni tat-trasparenza fis-suq dinji, konsiderazzjoni għandha tiġi meħuda ta' l-istandard għal qaçoċ irrakkomandata mill-Grupp ta' Ħidma fuq l-Istandardizzazzjoni ta' Prodotti li Jitħassru u l-Iżvilupp tal-Kwalità tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE).
- (3) L-applikazzjoni ta' l-istandards ġodda għandha tneħħi prodotti ta' kwalità mhux soddisfaċenti mis-suq, iġġib l-produzzjoni in konformità mall-ħtiġijiet tal-konsumatur u tiffaċilita l-kummerċ ibbażat fuq kompetizzjoni ġusta, b'hekk tgħin biex tittejjeb il-vantaġġi.
- (4) L-istandards huma applikabbli fl-istadji tal-marketing kollha. It-trasport għal distanza twila, il-ħażna għal ċertu perjodu u l-proċessi varji li jagħdu minnhom il-prodotti jistgħu jikkawżaw xi grad ta' deterjorament minħabba l-iżvilupp bijoloġiku tal-prodotti jew in-natura tagħhom li jitħassru. Konsiderazzjoni għandha tiġi meħuda ta' dan id-deterjorament meta qed tiġi applikata l-istandard fl-istadji tal-marketing li jiġu wara d-dispaċċ. Peress li prodotti fil-klassi "Extra" għandhom ikunu rranġati u ppakkjati b'kawtela partikolari, in-nuqqas ta' freskezza u n-nefħa biss għandhom jiġi meħudin in konsiderazzjoni fil-każ tagħhom.

- (5) Ċerti varjetajiet ta' qaçoċ prodotti fir-reġjuni Taljani tas-Sqallija, Puglia, Sardegna, Campania, Lazio u t-Toskana huma tradizzjonalment mibjugħa fir-reġjun ta' produzzjoni f'mazzi mdawra minn weraq u bi zkuk itwal minn 10 ċentimetri. Fuq it-talba ta' l-Italja, din il-prattika tal-marketing ġiet awtorizzata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 448/97 tas-7 ta' Marzu 1997 li tidderoga, għal ċerti reġjuni fl-Italja, mill-istandards tal-kummerċ stabbiliti għall-qaçoċ<sup>(5)</sup>. Sabiex ikunu kkjarifikati u ssimplifikati regoli tal-Komunità, dik id-deroga għandha tiġi integrata f'dan ir-Regolament u r-Regolament Nru 448/97 għandu jiġi mħassar.

- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Frott u l-Ħaxix,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-istandard tal-marketing għall-qaçoċ li jaqaw fil-kodiċi NM 0709 10 00 għandu jkun kif stabbilit fl-Anness.

L-istandard għandu jgħodd fl-istadji tal-marketing kollha taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2200/96.

Madankollu, fi stadji wara d-dispaċċ, il-prodotti jistgħu juru fejn għandu x'jaqsam mad-dispożizzjonijiet ta' l-istandard:

- (a) nuqqas żgħir ta' freskezza u nefħa,
- (b) għal prodotti ggradati fi klassijiet barra mill-klassi "Extra", deterjorament ta' jir minjabbha l-iżvilupp tagħhom u tendenza tagħhom li jiassru.

*Artikolu 2*

1. B'deroga mill-Anness, il-qaçoċ prodotti fir-reġjuni Taljani ta' Sqallija, Puglia, Sardegna, Campania, Lazio u Toscana jistgħu jiġu mibjugħa min-negozju tal-bejgħ ġo dawn ir-reġjuni f'mazzi mdawra b' weraq u zokk itwal minn 10 ċm.

2. Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni tal-paragrafu 1, kull kunsinna għandha jkollha, barra mill-informazzjoni meħtieġa oħra, l-indikazzjoni li ġeja fuq id-dokument jew notifika msejja fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96:

"Destinato alla vendita al dettaglio unicamente in... (reġjun ta' produzzjoni)"

<sup>(1)</sup> ĠU L 297, tal-21.11.96, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 7, tal-11.1.3, p. 64.

<sup>(3)</sup> ĠU L 135, tat-8.5.98, p. 18.

<sup>(4)</sup> ĠU L 7, tal-11.1.3, p. 61.

<sup>(5)</sup> ĠU L 68, tat-8.3.1997, p. 17.

*Artikolu 3*

Ir-Regolament (KE) Nru 963/98 hu emendat kif ġej:

1. Fit-titolu, il-kliem “u qaçoċċ” huma mħassrin.
2. L-Artikolu 1(1) hu mibdul b'dan li ġej:  
“1. L-istandard tal-marketing għal pastard li jaqaw fil-kodiċi NM 0704 10 għandu jkun kif stabbilit fl-Anness.”
3. L-Anness II hu mħassar.
4. Fl-Anness I, il-kliem “L-Anness I” huma mibdula bil-kelma “L-Anness”.

*Artikolu 4*

Ir-Regolament (KE) Nru 448/97 hu mħassar.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 il-ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Awissu 2003.

*Għall-Kummissjoni*  
Franz FISCHLER  
*Membru tal-Kummissjoni*

---

## L-ANNESS

## L-ISTANDARD GĦAL QAQOĊĊ

## I. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTTI

Dan l-istandard japplika lill-irjus tal-qaqoċċ tal-varjetajiet (cultivars) imkabbrin mill-Cynara scolymus L. li għandu jkun fornit frisk lill-konsumatur, qaqoċċ għall-ipproċessar industrijali huma esklużi.

L-ismijiet "Poivrade" u "Bouquet" jirreferu għal qaqoċċ żgħir fl-età li għandu l-forma ta' kon tat-tip vjola.

## II. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-KWALITÀ

L-iskop ta' l-istandard hu li jiddefinixxi l-ħtiġijiet ta' kwalità għal qaqoċċ, wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

## A. Ħtiġijiet minimi

Fil-klassijiet kollha, bla ħsara għad-dispozzjonijiet speċjali għal kull klassi u t-tolleranzi permessi, il-qaqoċċ għandu jkun:

- intatt,
- b'saħħtu; il-prodott affettwat mit-tinwir jew mid-deterjorament hekk li jagħmlu mhux tajjeb għall-konsum jiġi mwarrab,
- nadif, prattikament ħieles minn kull materja barranija li tista' tidher bl-għajnejn,
- frisk fl-apparenza, u partikolarment li ma jurix ebda sinjal ta' dbiel,
- prattikament ħieles minn insetti jew annimali li jeqirdu,
- prattikament ħieles mill-ħsara kawżata mill-insetti jew annimali li jeqirdu,
- ħieles minn umdità mhux tas-soltu fuq barra,
- ħieles minn kull riħa u/jew toġhma barranija.

L-izkuk għandhom ikunu maqtuġhin sewwa u m'għandhomx ikunu itwal minn 10 ċm. Din id-dispozzjoni ta' l-aħħar mhijiex applikabbli lill-qaqoċċ ippakkjat f'mazzi, jiġifieri: magħmul minn ċerta numru ta' rjus maqfulin flimkien madwar l-izkuk, jew lill-qaqoċċ tal-varjetà "Spinoso".

L-iżvilupp u l-kondizzjoni tal-qaqoċċ għandu jkun tali li jħallihom:

- jifilħu għat-trasprot u t-tqandil bl-idejn, u
- jaslu f'kondizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

## B. Klassifika

Il-qaqoċċ huma kklassifikati fi tlett klassijiet iddefiniti hawn taħt:

(i) *Il-Klassi "Extra"*

Qaqoċċ f'din il-klassi għandu jkun ta' kwalità superjuri. Għandhom ikunu karatteristiċi tal-varjetà u/jew tip kummerċjali. L-iskaldi ċentrali għandhom ikunu magħluqin sew, skond il-varjetà.

Għandhom ikunu ħielsa minn difetti bl-eċċezzjoni ta' difetti superfiċjali żgħar ħafna tal-qoxra ta' l-iskaldi sakemm dawn ma jaffettwawx l-apparenza ġenerali tal-prodott, il-kwalità tiegħu, l-manteniment ta' kwalità u l-preżentazzjoni fil-pakkett.

Il-kanali fil-bażi m'għandhomx juru l-bidu ta' linifikazzjoni.

(ii) *Il-Klassi I*

Il-qaqoċċ f'din il-klassi għandhom ikunu ta' kwalità tajba. Għandhom ikunu karatteristiċi tal-varjetà u/jew tip kummerċjali. L-iskaldi ċentrali għandhom ikunu magħluqin sew, skond il-varjetà.

Id-difetti żgħar li ġejjin, madankollu, jistgħu ikunu permessi sakemm dawn ma jaffettwawx l-apparenza ġenerali tal-prodott, il-kwalità tiegħu, l-manteniment ta' kwalità u l-presentazzjoni fil-pakkett:

- difett żgħir fil-forma,
- deterjorament żgħir minħabba ġlata (xaqqijiet),
- tbenġil żgħir ħafna.

Il-kanali fil-bażi m'għandhomx juru l-bidu ta' linifikazzjoni.

(iii) *Il-Klassi II*

Din il-klassi tinkludi qaqoċċ li ma jikkwalifikawx għal inklużjoni fil-klassijiet għola, imma li jissodisfaw il-ħtiġijiet minimi speċifikati hawn fuq. Jistgħu jkunu ftit miftuħin.

Id-difetti li għejjin jistgħu jkunu permessi sakemm il-qaqoċċ iżommu l-karatteristiċi essenzjali tagħhom fir-rigward tal-kwalità, l-manteniment ta' kwalità u l-preżentazzjoni:

- difetti fil-forma,
- deterjorament minħabba ġlata (qaqoċċ “nipped”),
- tbenġil żgħir,
- tebgħat żgħar fuq l-skaldi ta' barra,
- bidu ta' linifikazzjoni tal-kanali fil-bażi.

## III. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-GĦOTI TAD-DAQS

Id-daqs hu stabbilit mid-dijametru massimu tat-taqsuma eqwatorjali tar-ras.

Id-dijametru massimu hu stabbilit għal 6 ċm.

L-iskala mogħtija hawn isfel hi ta' bilfors għall-Klassi “Extra” u l-Klassi I u b'għażla għall-Klassi II:

- dijametru ta' 13 ċm u iżjed,
- dijametru minn 11-il ċm sa, imma eskluż 13-il ċm,
- dijametru minn 9 ċm sa, imma eskluż 11-il ċm,
- dijametru minn 7,5 ċm sa, imma eskluż 9 ċm,
- dijametru minn 6 ċm sa, imma eskluż 7,5 ċm.

Barra dan, dijametru minn 3,5 ċm sa, imma eskluż 6 ċm hu permess għal qaqoċċ tat-tip “Poivrade” u t-tip “Bouquet”.

## IV. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IT-TOLLERANZI

Tolleranzi fir-rigward tal-kwalità u d-daqs għandhom ikunu permessi f'kull pakkett tal-prodott li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tal-klassi indikata,

A. **Tolleranzi fir-rigward tal-kwalità**(i) *Il-Klassi “Extra”*

5 % min-numru ta' qaqoċċ li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tal-klassi, imma li jilħaq dawk tal-Klassi I jew, eċċezzjonalment, li jaqaw fit-tolleranzi ta' dik il-klassi.

(ii) *Għall-Klassi I*

10 % min-numru ta' qaqoċċ li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tal-klassi, imma li jilħaq dawk tal-Klassi II jew, eċċezzjonalment, li jaqaw fit-tolleranzi ta' dik il-klassi.

(iii) *Għall-Klassi II*

10 % min-numru ta' qaqoċċ li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tal-klassi, u lanqas il-ħtiġijiet minimi, bl-eċċezzjoni ta' prodotti afftettwati mit-tinwir jew kwalunkwe deterjorazzjoni oħra li tagħmlu mhux tajjeb għal konsum.

B. **Tolleranzi fir-rigward tad-daqs**

Għall-klassijiet kollha (jekk mogħtija daqs): 10 % min-numru ta' qaqoċċ li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet fir-rigward ta' l-għoti ta' daqs u d-daqs indikat, imma li hu in konformità mad-daqs immedjatament fuq u/jew taħt dak speċifikat, b'minmu ta' 5 ċm fi dijametru għal qaqoċċ ikklassifikat fl-iżgħar daqs (6 sa 7,5 ċm).

L-ebda tolleranza fir-rigward tad-daqs hi permessa għal qaqoċċ tat-tip “Poivrade” jew it-tip “Bouquet”.

## V. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-PREŻENTAZZJONI

A. **L-uniformità**

Il-kontenuti ta' kull pakkett għandhom ikunu uniformi u jkunu jinsabu fihom biss qaqoċċ ta' l-istess oriġini, varjetà jew tip kummerċjali, kwalità u daqs (jekk mogħtija daqs).

Il-parti li tidher tal-kontenuti tal-pakkett għandha tkun rappreżentattiva tal-kontenuti kollha.

Minkejja d- dispożizzjonijiet ta' qabel f'dan il-punt, prodotti koperti minn dan ir-Regolament jistgħu jkunu mħalltin, f'pakketti għall-bejgħ ta' piż net ta' tlett kilogrammi jew inqas, b'tipi differenti ta' frott u ħaxix frisk fuq il-kondizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 48/2003(1).

#### B. L-ippakkjar

Il-qaqoċċ għandu jkun ippakkjat f'tali mod li l-prodott ikun protett b'mod xieraq.

Il-materjali wżati għewwa l-pakkett iridu jkunu għodda, nodfa u ta' kwalità hekk li jevitaw illi jikkawżaw kwalunkwe ħsara fuq barra u fuq għewwa tal-prodott. L-użu ta' materjali, partikolarment karta jew timbri, li għandhom speċifikazzjonijiet tal-kummerċ hu permess sakemm l-istampar jew l-immarkar ġie magħmul b'inka jew kolla li mhumiex tossiċi.

Il-pakketti għandhom ikunu ħielsa mill-materja barranija kollha.

### VI. DISPOSIZZJONIJET LI JIRRIĠWARDAW L-IMMARKAR

Kull pakkett għandu jkollu d-dettalji li ġejjin fittri f'grupp fuq l-istess naħa, mmarkat f'mod li jinqara' u li hu permanenti, u viżibbli minn barra:

#### A. L-identifikazzjoni

Min jippakkja u/jew min jiddispaċċja: isem u indirizz jew marka tal-kodiċi maħruġa jew aċċettata uffiċjalment. Madankollu, fil-każ fejn marka tal-kodiċi hi wżata, ir-referenza "Min jippakkja u/jew min jiddispaċċja (jew abbrevjazzjonijiet ekwivalenti)" għandu jkun indikat fi prossimità viċina għall-marka tal-kodiċi.

#### B. In-natura tal-prodott

- "Qaqoċċ", jekk il-kontenuti mhumiex viżibbli minn barra,
- L-isem tal-varjetà għall-Klassi "Extra",
- "Poivrade" jew "Bouquet", fejn xieraq,
- "Spinoso", fejn xieraq.

#### C. L-orijini tal-prodott

Il-pajjiż ta' l-orijini u, b'għażla, id-distrett fejn hu mkabbar jew l-isem nazzjonali, reġjunali jew lokali tal-post.

#### D. L-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali

- Il-Klassi,
- Numru ta' rjus,
- Daqs (jekk mogħti daqs) espress fi dijametri minimi u massimi ta' l-irjus.

#### E. Il-marka uffiċjali tal-kontroll (b'għażla)